# Għeluq ir-raba' sena ta' *www.kappellimaltin.com*

Iż-żmien malajr itir u hekk ġara fis-sit *www.kappellimaltin.com* diġà għalaq erba' snin minn mindu tnieda f'Ottubru tal-2007. L-iskop primarju tas-sit kien li jagħti promozzjoni lill-programm tar-Radju *Mat-Tokki ta' Qniepen żgħar* li kienu jippreżentaw Joe Brincat u Roderick Busuttil. Iżda s-sit, apparti li kien jolqot lil min kien jisma' l-programm, kien qed jilħaq udjenza differenti wkoll. Ġimgħa wara ġimgħa, xahar wara xahar is-sit kompla jikber u llum jista' jingħad li apparti l-persuni li bdewh hemm numru kbir ta' nies li jgħinu kemm fl-informazzjoni, kemm fir-ritratti, kontributuri ta' artikli u ħafna affarijiet oħra.

Illum fis-sit hemm informazzjoni dettaljata u ritratti minn barra u minn ġewwa, fuq iktar minn 130 kappella. Din tagħmel lil *www.kappellimaltin.com* l-iktar sors fejn wieħed jista' jsib informazzjoni fuq kappelli f'post wieħed. Fis-sit, apparti l-kitbiet fuq il-kappelli, issib affarijiet oħra bħal glossarju, sezzjoni fuq qaddisin bl-akbar ammont ta' dediki ta' kappelli, passatempi fejn hemm *features* fuq nies li tant iħobbu l-kappelli li ddeċidew li jużawhom biex jesprimu t-talent tagħhom, bl-intervisti *audio* li saru għall-programm tar-radju, kif ukoll lista aġġornata ta' attivitajiet li jsiru fi knejjes u kappelli Maltin. Hemm ukoll lista unika bil-kappelli li hawn f'Malta, Għawdex u Kemmuna, li tammonta għal 328 kappella (li ma jinkludux kappelli taċ-ċimiterji u kunventi).

Fis-snin li ġejjin l-awturi ta' dan is-sit iwiegħdu li se jkomplu bil-ħidma li bdew biex tingħata iktar informazzjoni fuq dawn il-ġojjelli li għandna tista' tgħid ma' kull rokna ta' Malta u Għawdex.

Il-persuni wara din l-inizjattiva huma Noel Ciantar (*Webmaster*), Roderick Busuttil, Joe Brincat, Anthony Brincat u Caroline Busuttil. Min irid ikun parti minn din l-inizjattiva jista' jibgħat informazzjoni jew ritratti ta' kappelli li mhumiex inklużi fis-sit. Jista' jagħmel dan fuq l-*email webmaster@kappellimaltin.com*.

